**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **1 TA' JANNAR 2017**

**70 Sena mill-wasla tal-Istatwa ta' Sant'Anna fil-Parroċċa ta' Wied il-Għajn**

Is-Sibt 31 ta' Diembru 2016 il-quddies ikun bħas-soltu fil-5.15pm, fis-6.30pm u fit-8.00pm il-Quddiesa mmexxija mill-Arċisqof Emeritus Mons. Pawlu Cremona O.P. sabiex nagħtu bidu għas-Sena li fiha ser niċċelebraw is-70 Sena mill-wasla tal-Istatwa Titulari ta' Sant'Anna fir-raħal tagħna. Wara nkomplu naqsmu dan il-ferħ flimkien fin-*New Year's Eve Party* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**1 ta' Jannar 2017 – Marija Omm Alla u Jum il-Paċi**

Matul dil-ġurnata ejjew nilqgħu l-istedina tal-Papa u tal-Isqfijiet tagħna sabiex nitolbu għall-paċi fid-dinja speċjalment fis-Sirja. Fil-Knisja għandna armata l-ikona tal-Imqaddsa Omm Alla ta' Damasku, patruna tas-Sirja.

Illum qed nagħtu bidu għas-Sena li fiha ser niċċelebraw is-70 Sena mill-wasla tal-Istatwa Titulari ta' Sant'Anna fir-raħal tagħna. Wara l-quddiesa ser nitolbu flimkien Talba lil Alla bl-interċessjoni ta' Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu s-santa li ser titqassam u flimkien bħala familja d-dar nitolbu l-interċessjoni ta' Sant'Anna għall-bżonnijiet tal-familji tagħna.

**Siġra tal-Imħabba**

Infakkrukom fis-Siġra tal-Imħabba. Bil-għajnuna tagħna nkunu qed ngħinu lill-familji fil-bżonn fil-Parroċċa tagħna. Dan hu mod ieħor kif aħna nistgħu inferrħu lil ħaddieħor fil-bżonn f'dan iż-żmien tal-Milied.

**Id-Dar tal-Providenza**

Infakkru fil-ġabra għad-Dar tal-Providenza li ssir fl-1 ta' Jannar 2017. Tkun ħaġa sabiħa li hekk kif inkunu miġburin flimkien bħala familja f'daż-żmien tal-Milied ngħinu lid-Dar tal-Providenza. Tistgħu titfgħu id-donazzjonijiet tagħkom f'buqar li għandna fuq l-artal. Grazzi ħafna.

**L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**

Il-Ġimgħa 6 ta' Jannar 2017 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:00pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Aħna s-Saċerdoti flimkien mal-Kunsill Pastrali Parrokkjali nawguraw l-isbaħ xewqat għas-Sena l-Ġdida lil kulħadd.**